MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 9/2010

**Christine Smith**

**vs**

**Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment**

**Il-Qorti,**

Il-Bord ta’ L-Appelli dwar it-Trasport ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Bord;
>
> Ra l-appell.
>
> Ra r-risposta.
>
> Sema’ x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

> Illi jirrizulta ex-admissis li l-appellanti giet tirrisjed Malta f'Gunju 2008. Importat il-vettura taghha f'Gunju 2009.
>
> In vista li l-ligi tistipula residenza wara it-tlieta (3) ta' Novembru 2008 biex tikkwidalifika ghall-ezenzjoni, il-Bord jichad l-appell."

Ir-rikorrenti Christine Smith appellat quddiem din il-Qorti fil-kontestazzjoni tal-pronunzjament tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Trasport bl-aggravji f'din l-ordni:-

1. Id-decizjoni hija monka billi mhix sufficjentement motivate, u wkoll hi nieqsa minn indikazzjoni tal-jum meta nghatat l-istess decizjoni;
2. Id-decizjoni hija nulla u irritwali gjaladarba nghatat *in camera* bi ksur tal-ligi;
3. Il-Bord interpreta erronjament il-ligi applikabbli, ossija d-dispost ta' l-Artikolu 19 (3) tal-Kapitolu 368;

Fuq l-ezami minnha ta' l-inkartament tal-kaz, senjatament il-provvediment tal-Bord in atti, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan hu karenti minn bosta rekwiziti bhad-data tieghu u l-firma mill-Arbitru. Dan biex ma jinghadx ukoll illi *ictu oculi* l-kontenut ta' l-istess provvediment lanqas ma jaspira ghal dawk l-elementi bazici ta' kif ghandha tkun ifformulata decizjoni, u dwar liema din il-Qorti kellha diga` okkazjoni tikkummenta dwar dan il-punt fid-decizjoni taghha tat-3 ta' Ottubru 2008 in re: "**Attard Bors Co. Ltd -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**";

Premess dan, huwa fl-ordni logiku illi l-Qorti ghandha tokkupa ruhha l-ewwelnett mit-tieni motiv ta' aggravju in kwantu dan jolqot il-validita` nnifisha tad-decizjoni jekk jinstab li din ma nghatatx skond ir-rit prefiss mil-ligi;

Hu provvdut mill-Artikolu 31 ta' l-Att dwar l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta li kkreja l-Bord ta' l-Appelli dwar it-

Trasport illi appelli lil dan il-Bord huma regolati kif preskritt fit-Tieni Skeda ta' l-Att (ara subinciz 15 ta' dan l-artikolu). Hu ugwalment preskritt mill-inciz (11) ta' din it-Tieni Skeda illi "is-seduti kollha tal-Bord ta' Appelli ghandhom isiru bil-miftuh u d-decizjonijiet kollha tal-Bord ta' l-Appelli ghandhom jinghataw bil-miftuh". L-appellanti tikkontendi li fil-kaz taghha d-decizjoni ma nghatatx bil-miftuh izda kameralment, tant li hi rceviet kopja ta' l-istess decizjoni bil-mezz postali permezz ta' ittra datata 19 ta' Jannar, 2010 taht il-firma tas-Segretarju tal-Bord;

Il-Qorti tosserva illi ma jezisti ebda verbal illi d-decizjoni thalliet ghal xi data partikolari u, apparentement, ma jista' jezisti ebda dubju illi l-assunt ta' l-appellanti jikkorrispondi ghal dak minnha sottomess, u cjoe, li d-decizjoni tabilhaqq ma nghatatx mill-Bord fit-termini tal-ligi. Il-kwestjoni hi allura jekk dan il-fatt igibx n-nullita` u l-irritwalita` tad-decizjoni;

Il-kliem cari u testwali tal-predett inciz (11) tat-Tieni Skeda ma jhalli lok ghall-ebda ekwivoku illi l-Bord kien fl-obbligu li jippresta attenzjoni ghal dik il-proprjeta` procedurali dettata mil-ligi, anke ghaliex din hi ta' ordni pubbliku u mhux ammess lanqas lill-Bord li l-procedura stabbilita mil-ligi tigi sostitwita b'ohra ghax-xelta unilaterali tieghu. Dan lanqas fejn hu konsentit lilu illi jirregola l-proceduri tieghu nnifsu (inciz 12 ta' l-istess Tieni Skeda) in kwantu dan hu hekk permissibbli lilu hlief fejn xort'ohra provvdut bid-disposizzjonijiet ta' l-istess Skeda u dawk ta' l-Att. Tradott f'termini li jinftehmu dan ifisser illi ghalkemm il-legislatur akkorda lill-Bord certa diskrezzjoni liberali fit-tmexxija tal-kaz quddiemu, minn naha l-ohra rabtu u rrestringih illi ghal certu forma, bhal ma hi dik tal-pronuncjament tad-decizjoni, hu kellu joqghod mal-kelma tal-ligi. Il-Bord kien fid-dover li dan josservah *ad unguem*, anke ghaliex, kif gja senjalat mill-Qorti f'appell iehor, "din il-Qorti ma tarax ghaliex, in linea ta' principju, ghandha taccetta u tinkoragixxi certa anarkija procedurali" (ara "**Italian Image Co Ltd -vs- Tourist Services Ltd**", 20 ta' Frar, 2008). Dan, il-Qorti tennietu biex taccentwa l-punt dwar il-

konsegwenzi ghas-sokkombenti li jkun jrid iressaq appell minn digriet jew minn decizjoni;

In aggunta ghal din il-vjolazzjoni procedurali lampanti kommessa mill-Bord f'dan il-kaz, jezistu irritwalitajiet ohra fl-istess decizjoni hekk moghtija in kuntrast ghal ligi. Gja gie accennat illi d-decizjoni hi nieqsa sija mid-data taghha kif ukoll mis-sottoskrizzjoni tac-"*Chairperson*" tal-Bord. Dawn ukoll huma elementi essenzjali tas-sentenza u l-mankanza taghhom huma kawza ta' nullita` assoluta u insanabbli. Ara Artikolu 23 tal-Kapitolu 12 u d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Care Services Limited -vs- Mario Muscat *et***", Appell Inferjuri, 12 ta' April, 2007. Dan mhux minghajr raguni. In partikulari fil-kaz tas-sottoskrizzjoni tas-sentenza jkollu jinghad b'abbracc tal-fehma tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali illi "l-assenza fid-decizjoni tal-firma tac-Chairman tal-Bord, espressament mehtiega mil-ligi biex, kif il-Qorti tahseb, tattribwixxi awtenticita` lill-istess decizjoni, iggib in-nullita` taghha". Ara "**L-Ispizjar Salvino Spiteri Maempel *et* -vs- Joseph Mallia**", 24 ta' Ottubru, 1980;

Ukoll minn din l-ottika d-decizjoni appellata mhix salvabbli mill-komminazzjoni tan-nullita` taghha. Raggunta din il-konkluzjoni mhux il-kaz li l-Qorti tinoltra ruhha biex tinvesti l-aggravji l-ohra sottoposti, anke jekk *en passant* ma tonqosx milli tosserva b'kummenti breve illi d-decizjoni lanqas ma taspira fil-parti motivazzjonali taghha ghar-rekwiziti bazici li trid il-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell fis-sens li tiddikjara li d-decizjoni tal-Bord hi nulla u bla effett in kwantu irritwali f'diversi aspetti taghha. Tordna li l-atti jigu rimessi lura lill-istess Bord biex dan jottempera ruhu skond il-ligi. Fic-cirkostanzi huwa xieraq li l-ispejjez ta' l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------